# PRIM'AWLA TAL-QORTI CIVILI

**IMHALLEF**

**ONOR. NOEL V. ARRIGO LL.D.**

**Seduta ta' nhar il-Gimgha, 18 ta' Mejju 2001**

**Numru 1**

**Citaz. numru: 247/97 NA**

**Doris Borg f'isimha proprio u bhala legittima rapprezentanti ta' binha minuri George Borg**

**vs**

**Dr. Anthony Cutajar u P.L. Mario Mifsud Bonnici b'digriet tas-17 ta' Marzu 1999 gew nominati kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-assenti Carmelo Borg; u b'verbal tad-29 ta' Ottubru 1999 il-konvenut Carmelo Borg assuma l-atti personalment minflok il-kuraturi deputati.**

**Il-Qorti,**

Rat ic-citazzjoni pprezentata mill-attrici proprio et nomine fl-4 ta' Frar 1997 fejn ippremettiet:

"Illi l-kontendenti zzewgu fis-26 ta' Dicembru 1965 fil-Knisja Parrokkjali tal-Hamrun u mil-liema zwieg twieldulhom erbat itfal, tlieta maggorenni u l-minuri George Borg li llum ghandu hmistax-il sena u nofs;

Illi l-imsemmi konvenut irrenda ruhu hati ta' swat, sevizzi, mohqrija u inkompatibilita' ta' karattru da parti tieghu b'rizultat li rrenda impossibbli l-hajja konjugali ta' bejniethom;

Illi l-konvenut mhux qed imantni lill-attrici u lil binhom kif tenut jaghmel skond il-ligi;

Illi l-attrici giet awtorizzata tipprocedi ghas-separazzjoni personali minn ma' zewgha *ad mensa et thoro* skond digriet tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili numru 2110/96 hawn anness u mmarkat bhala Dokument "A;

TALBET li, prevja kwalsiasi dikjarazzjoni necessarja w opportuna u ghar-ragunijiet premessi, din il-Qorti:

1. tippronunzja s-separazzjoni personali *ad mensa et thoro* bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli ghall-konvenut;

2. tafda l-kura w il-kustodja ta' binhom minuri George Borg f'idejn l-attrici fl-ahjar interess tal-minuri;

3. tikkundanna lill-konvenut ihallas dik ir-retta alimentarja ghaliha u ghal binhom minuri li tigi stabbilita minn din il-Qorti u b'dawk il-modalitajiet li jigu hekk stabbiliti;

4. tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess komunjoni, taqsamha bejn zewg porzjonijiet ugwali u tassenja wahda lill-attrici u wahda lill-konvenut bin-nomina okkorrendo ta' perit biex jaghmel l-imsemmija likwidazzjoni u jipproponi pjan ta' qasma u okkorrendo tinnomina Nutar biex jircievi l-att opportun u kuratur biex jirrapprezenta l-eventwali kontumacja fuq l-istess att;

5. tapplika kontra l-konvenut id-disposizzjonijiet ta' l-Artikoli 56, 58, 59 tal-Kodici Civili u senjatament li tigi moghtija lill-istess attrici l-pjena amministrazzjoni tal-beni taghha.

Bl-ispejjez komprizi dawk tal-proceduri tas-Sekond'Awla tal-Qorti Civili u bl-ingunzjoni tal-konvenut ghas-subizzjoni."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata taghha, il-lista tax-xhieda w id-dokument minnha esebit.

Rat il-proceduri li wasslu ghan-nomina ta' l-Avukat Dottor Anthony Cutajar u l-Prokuratur Legali Mario Mifsud Bonnici bhala kuraturi deputati biex jirrapprezentaw lill-konvenut b'digriet ta' din il-Qorti, diversament presjeduta, tas-17 ta' Marzu 1999.

Rat ir-rikors tal-konvenut tat-13 ta' Settembru 1999, ir-risposta ta' l-attrici ghall-istess tat-23 ta' Settembru 1999 li wasslu lill-konvenut biex fis-seduta tad-29 ta' Ottubru 1999 jassumi l-atti tal-kawza f'ismu u fejn ukoll inghata zmien biex jaghmel in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tieghu.

Rat in-Nota ta' l-Eccezzjonijiet tal-konvenut tat-2 ta' Novembru 1999 fejn eccepixxa:

1. "Illi fl-ewwel lok tinhtieg korrezzjoni fic-citazzjoni stante li t-tifel tal-kontendenti George Borg illum m'ghadux minuri u ghalhekk l-attrici ma tistax tkompli tidher fil-kawza bhala legittima rapprezentanti ta' l-istess;

2. Illi l-esponent ma jopponix li tigi ppronunzjata s-separazzjoni personali bejn il-kontendenti pero' mhux minhabba ragunijiet imputabbli lill-konvenut pero' htija ta' l-attrici minhabba li hija abbandunat id-dar matrimonjali u minhabba mohqrija, theddid, adulterju w ingurji gravi kommessi da parti ta' l-attrici;

3. Illi l-Qorti ghandha tastieni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba stante li llum it-tfal huma kollha maggorenni;

4. Illi l-konvenut m'ghandux jigi kkundannat ihallas manteniment stante li llum huwa pensjonant;

5. Illi l-konvenut ma jopponix ghar-raba' talba;

6. Illi huwa jopponi ghall-hames talba, anzi din il-Qorti ghandha tapplika s-sentenzjonijiet (sic) kontemplati fl-Artikoli 56, 58 u 59 tal-Kap. 16 lill-attrici peress illi z-zwieg tfarrak htija taghha;

7. Salvi eccezzjonijiet ulterjuri."

Rat id-dikjarazzjoni guramentata tieghu w il-lista tax-xhieda.

Fis-seduta tat-28 ta' Jannar 2000 il-Qorti nnominat lill-Assistenta Gudizzjarja Dottor Audrey Demicoli biex tigbor il-provi.

Hija zammet seduta fis-27 ta' Gunju 2000 fejn il-partijiet ittransigew il-vertenzi ezistenti bejniethom bil-mod kif hemm ivverbalizzat (ara fol. 39 tal-process). Kien ghalhekk illi fis-seduta tal-14 ta' Novembru 2000 u fuq informazzjoni lilha moghtija mill-Assistenta Gudizzjarja l-Qorti halliet din il-kawza ghas-sentenza, liema sentenza sejra tinghata llum.

Ghandu jkun ovvju mill-ftehim raggunt bejn il-partijiet illi t-talbiet attrici jistghu jkunu milqugha biss in parte w il-Qorti qieghdha tiddeciedi din il-kawza, ghalhekk, a bazi ta' l-istess transazzjoni billi:

1. tippronunzja s-separazzjoni personali *ad mensa et thoro* bejn il-kontendenti ghar-ragunijiet imputabbli lilhom it-tnejn;

2. tastieni milli tiehu konjizzjoni tat-tieni talba stante li l-minuri in kwistjoni huwa llum maggorenni;

3. tichad it-tielet talba u tiddikjara illi z-zewg partijiet iddekadew mid-dritt li jitolbu lil xulxin alimenti;

4. tiddikjara xjolta l-komunjoni ta' l-akkwisti ta' bejn il-kontendenti u tillikwida l-istess komunjoni, billi tassenja lill-attrici bhala sehemha ta' l-istess komunjoni l-kamra tas-sodda w il-kirja tal-fond fejn prezentement qed tghix l-attrici filwaqt illi tassenja lill-konvenut il-kirja tal-fond tad-dar matrimonjali u dana stante li fil-komunjoni ta' l-akkwisti ma jezistu ebda assi ohra;

5. fir-rigward tal-hames talba l-Artikoli tal-ligi hemm imsemmija ma humiex applikabbili ghall-kaz prezenti. Limitatament pero' din it-talba qed tigi milqugha billi l-Qorti qieghdha tiddikjara illi l-partijiet tilfu reciprokament id-drittijiet successorji u li huma ghandhom ikollhom it-tnejn l-amministrazzjoni piena tal-beni taghhom.

L-ispejjez tal-kawza jibqghu bla taxxa bejn l-istess partijiet.

**ONOR. IMHALLEF NOEL V. ARRIGO LL.D.**

Deputat Registratur rf.